MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 318/2003

**Philip Coleiro**

**vs**

**Malta International Airport p.l.c.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar, 2003 fejn:**
**Peress illi fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju, 1998 u t-18 ta' April, 2002, l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta u ghalhekk kien kopert bil-ftehim kollettiv ghall-haddiema tal-istess socjeta` konvenuta;**
**Prevja kull dikjarazzjoni li tista' tkun mehtiega, l-attur qieghed ghalhekk jitlob is-somma ta' tmien mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm854.00) in kwantu ghal sitt mija u disgha u sittin (Lm669.00) arretrati ta' zidiet fil-paga dovut lilu minghand is-socjeta`**

**konvenuta skond il-Ftehim Kollettiv in vigour bejn il-partijiet, u in kwantu ghal mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm185.00) relattivi ghal allowances u overtime;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Frar, 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, u bis-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2003, deher Alfred Mangion ghas-socjeta` konvenuta li ddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici. Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2003, is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2147(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u gie dikjarat li l-ammont mhux dovut. Ra l-verbal tal-4 t'April, 2003 fejn giet irtirata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, pero` it-talba giet ikkontestata in kwantu l-ammont mhux dovut a bazi tal-ftehim kollettiv.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Mangion, Philip Coleiro. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob arretrati ta' zidiet fil-paga minghand is-socjeta' konvenuta ghal perjodu bejn l-1 ta' Mejju, 1998 u t-18 ta' April, 2002 u allowances u overtime ghall-istess perjodu. Is-socjeta' konvenuta qed tghid li dawn mhumiex dovuta.**
**2. L-attur kien jahdem mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili (DCA), cioe' mas-servizz pubbliku.**
**3. Jirrizulta illi fis-17 t'April 1998 kien sar ftehim preliminari Dok A a fol 61 tal-process bejn GWU, l-MIA, d-DCA, l-Ministru ghat-Trasport u Portijiet ta' dak iz-zmien u d-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru. Dana kien ftehim importanti in kwantu kien qed jirregola s-sitwazzjoni ta' mpjegati li kienu fis-servizz pubbliku li jaghzlu li jaqilbu ma' l-MIA.**
**4. Irrilevanti dak li hemm fil-paragrafu tlieta (3) tal-imsemmi tfehim preliminari fejn intqal fost l-ohrajn "dawk il-haddiema li jaghzlu li jaqilbu l-impjieg**

**taghhom ma' l-MIA jkunu kkunsidrati mill-Gvern li huma fuq special leave bla hlas mis-servizz pubbliku, filwaqt li jkollhom is-servizz taghhom ma' l-MIA jghodd daqs li kieku servizz mal-Gvern."**

**5. Min kien jaghzel li jaqleb l-impjieg ghal mal-MIA kellu tnax-il xahar prova mal-kumpanija u dana mill-1 ta' Mejju, 1998, dana a tenur tal-paragrafu 4 ta' l-istess ftehim preliminari. L-istess paragrafu 4 pprovda wkoll illi "kemm-il darba jintlahaq ftehim shih u ahhari wara dan il-perjodu, allura l-prova tintemm xahrejn wara d-data ta' l-iffirmar tal-ftehim kollettiv ma' l-MIA."**

**6. Fil-fatt il-ftehim kollettiv mal-MIA gie ffirmat fid-19 ta' Dicembru 2001. Konsegwentement hu evidenti li l-perjodu ta' prova, skond ma ntqal fil-paragrafu precedenti kien jintemm fit-18 ta' Frar 2002.**

**7. In oltre jigi rilevat illi l-haddiem li kien qieghed fil-perjodu ta' prova kien jircevi hlas tas-salarju/paga mhux inqas minn dik attwali taghhom inkluzi l-increments dovuti u dana skond il-paragrafu 5 tal-ftehim preliminari.**

**8. L-istess paragrafu 5 jipprovdi dwar li l-istess haddiema jkunu koperti mill-ftehim kollettiv li kien ezistenti. F'dan il-kuntest it-Tribunal qed jifhem illi r-referenza hija ghal dak il-ftehim kollettiv illi kien jezisti fis-17 ta' April, 1998, d-data tal-ftehim preliminari. Kien hemm ukoll ipprovdut illi dana ma kienx japplika f'dawk il-kazi fejn il-beneficcji tal-haddiema bhala mpjegati fis-servizz pubbliku jkunu ahjar minn dawk stipulati fil-ftehim kollettiv tal-MIA.**

**9. Il-paragrafu 6 ta' l-istess ftehim jipprovdi illi l-istess haddiema jibbenefikaw mill-ftehim kollettiv ghal haddiema fis-servizz pubbliku sa tmiem iz-zmien ta' prova.**

**10. Kien gie mistqarr bic-car illi l-perjodu ta' prova mal-MIA jintemm**
**"xahrejn wara d-data ta' l-iffirmar tal-ftehim kollettiv mal-MIA"**
**cioe' fit-18 ta' Frar 2002 u dana skond il-memorandum Dok D**
**esebit datat 10 ta' Jannar 2002.**

**11. Jirrizulta illi l-attur skond id-dokument E esebit fit-18 ta' Frar**

**2002 kien ghazel illi jmur lura fis-servizz pubbliku.**
**12. Jirrizulta wkoll illi fuq din il-kwistjoni kien sar ilment quddiem l-**
**Ombudsman minn diversi mpjegati fosthom l-attur odjern u l-konkluzzjoni ta' l-Ombudsman esebita bhala Dok H a fol 79 sa 81 tal-process tispicca billi tghid hekk "il-konkluzzjoni hija li ma' min ghazel li jerga' lura mal-Gvern, l-MIA onorat l-obbligi taghha skond il-ftehim ta' April 1998 u ghalhekk l-ilment taghkom mhux sostnut." Apparti l-parti konkluzzjonali rrilevanti t-tieni paragrafu fejn l-Ombudsman qal hekk "…. Min jaghzel li jaqleb l-impjieg ghal ma' l-MIA kellu jitqies bhala mpjegat shieh ta' l-MIA. B'hekk ma kienx hemm provvediment li l-kundizzjonijiet tal-ftehim kollettiv gdid ikunu applikabbli ghal min ghazel li jmur lura mal-Gvern."**
**13. In vista ta' dan li ntqal u b'referenza specifika ghal paragrafu 5**
**tal-ftehim preliminari, fejn hemm li l-haddiema jkunu koperti mill-**
**ftehim kollettiv ezistenti tal-MIA, l-unika nterpretazzjoni logika illi**
**tista' tinghata hija dik illi fuqha xehed Alfred Mangion ghas-**
**socjeta' konvenuta, u cioe' li l-ftehim kollettiv ezistenti kien dak li**
**kien hemm fi zmien tal-ftehim preliminari. Il-ftehim preliminari**
**kellu forza li jirregola kif ser ikunu regolati l-affarijiet in vista tal-**
**fatt illi l-MIA kienet qed tigi moghtija l-funzjonijiet tad-Dipartiment**
**ta' l-Avjazzjoni Civili ghajr dawk ta' natura regolatorja.**
**14. It-Tribunal iqis illi meta l-haddiema nghataw zmien ta' prova, fil-**
**fatt huma kienu qeghdin fuq special leave u ghaldaqstant kienu**
**ghadhom taht d-DCA, ghalkemm il-paga kienu jircevuha mill-MIA.**

**15. F'Jannar 2001 l-attur bhala mpjegat tad-DCA nghata zieda skond il-ftehim kollettiv ta' l-istess DCA. Dak li qed jippretendi l-attur issa huwa li jiehu zieda ohra skond il-ftehim kollettiv ta' l-MIA.**

**16. Jirrizulta ampjament illi l-haddiema kellhom l-ghazla, ghazla libera, u zmien adekwat biex jaghmlu din l-ghazla. Fil-fatt l-attur kif gia ntqal ghazel li jmur lura mad-DCA. Fil-21 ta' April 2001 kienet harget l-offerta ghal ghazla vide Dok C a fol 71-72 tal-process u din l-offerta ma gietx kontestata.**

**17. Jinghad finalment illi l-kliem fil-ftehim preliminari fejn jinghad illi dawk li jaqilbu "jigu meqjusa bhala mpjegati shah ta' l-MIA" para 2 tal-ftehim preliminari ma tistax tittiehed izolata, izda ghandha tigi nterpretata fil-kuntest kollu ta' l-istess ftehim.**

**18. Tqajjem ukoll il-punt illi ma kienetx saret it-terminazzjoni tramite l-ETC. Fir-rigward tali punt it-Tribunal iqisu ta' natura trivjali u ma ngiebx ir-rapprezentant ta' l-ETC biex jigi determinat jekk fil-fatt fil-perjodu in kwistjoni kienux jezistu formoli ta' terminazzjoni.**

**19. Konsegwentement in vista ta' dak illi ntqal jirrizulta illi dak li qed jitlob l-attur huwa fil-fatt beneficcju doppju, stante li hu gia bbenefika mill-ftehim kollettiv tas-servizz pubbliku. Ma jistax issa jippretendi li jibbenifika wkoll mill-Ftehim Kollettiv ta' l-MIA, apparti illi tali ftehim kollettiv gdid ta' l-MIA sar wara li gie terminat il-perjodu tieghu ta' prova. Ghalhekk m'ghandu ebda dritt ghal hlasijiet li qed jitlob.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, t-Tribunal qed jichad it-talbiet attrici. In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------